Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **27 ta' Mejju 2021**

**Ftuħ aktar spiss tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta matul is-sajf**

Wara bosta xhur b'ħinijiet ristretti u xi drabi saħansitra għeluq għalkollox minħabba l-pandemija tal-Covid-19, Heritage Malta issa għandha kollox imħejji biex mill-bidu ta' Ġunju sa tmiem Ottubru tiftaħ is-siti u l-mużewijiet tagħha aktar spiss matul il-ġimgħa.

"Il-pandemija kienet sfida diretta għall-missjoni ta' aċċessibbiltà li tħaddan Heritage Malta, tant li l-aġenzija kienet kostretta tagħlaq il-bibien tagħha għalkollox f'żewġ perjodi differenti u tiftaħ mill-ġdid b'ħinijiet iqsar u b'inqas viżitaturi jitħallew jidħlu. Madankollu, l-aġenzija kellha ħila tara fil-bogħod u tkun proattiva biżżejjed biex tqum għall-okkażjoni u tadatta għaċ-ċirkostanzi ġodda li sabet ruħha fihom. Illum inħossuna lesti aktar minn qatt qabel għall-iżjed staġun bieżel tas-sena u ninsabu mimlijin ħeġġa biex nilqgħu lill-viżitaturi tagħna matul sajf li aħna ottimisti li se jagħti l-frott mixtieq," qal Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta.

Minbarra ż-żieda fil-ġranet tal-ftuħ, matul ix-xhur tas-sajf Heritage Malta se tkun qed torganizza regolarment open days f'siti li normalment jinżammu magħluqin għall-pubbliku, kif ukoll se toħroġ diversi offeri speċjali li jkomplu jsebbħu ż-żjara tal-viżitatur.

Bħalma dejjem kienet il-prattika f'dawn l-aħħar xhur, iż-żjarat kollha fis-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta se jsiru f'osservanza stretta tar-regolamenti tas-Saħħa Pubblika b'rabta mal-Covid-19.

Din hija l-lista sħiħa tal-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta mill-bidu ta' Ġunju sa tmiem Ottubru:

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni: Miftuħ kuljum mid-09.00 sal-17.00. Biljetti fl-aħħar ħin jistgħu jinxtraw biss mis-sit.

Nhar ta' Tlieta, Ġimgħa, Sibt u Ħadd, se jkunu miftuħin dawn is-siti u mużewijiet mill-10.00 sal-16.30:

Għar Dalam u Borġ in-Nadur

It-Tempji ta' Ħal Tarxien
Il-Palazz tal-Inkwiżitur

Id-Domvs Romana
Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali

Il-mużewijiet u s-siti taċ-Ċittadella

Matul il-ġimgħa kollha ħlief nhar ta' Tlieta, se jkunu miftuħin dawn is-siti u mużewijiet mill-10.00 sal-16.30:

Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija
MUŻA
L-Armerija tal-Palazz
Il-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra

It-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra

Il-Forti Sant'Anġlu

Il-Katakombi ta' San Pawl
It-Tempji Ta' Skorba u Ta' Ħaġrat

It-Tempji tal-Ġgantija
Il-Mitħna Ta' Kola

Għalissa, dawn il-mużewijiet huma magħluqin sakemm jinħareġ avviż ieħor:
Il-Katakombi Ta' Bistra
Iċ-Ċentru għall-Interpretazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet
Il-Mużew Marittimu
Il-Kmamar Statali tal-Palazz tal-Gran Mastru

Għal aktar tagħrif, żur www.heritagemalta.org